MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2015

Numru. 626/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Charles Sciberras**

**Kumpilazzjoni Nru: 626/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Charles Sciberras, ta’ 39 sena, bin Paul u Maria Anna nee’ Cutajar, imwieled Pieta’ fid-09 ta’ Lulju, 1975, residenti fi Block F, Flat 7, Triq il-Pepprin, Santa Lucija u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 342775(M).

Akkuzat talli nhar is-06 ta’ Lulju, 2014, ghall-habta ta’ 17:00hrs gewwa Triq l-Ljun Qormi

1. Ikkommetta serq ta’ oggetti ta’ ammont li ma jeccedix il-valur ta’ €232.94 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Lawrence Micallef detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 44876M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAR938 u dan bi ksur ta’ 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq, wera dan il-hseib b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz u kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta’ Artiklu 41(a), 261(b)(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn €116.47 ghad-detriment ta’ Lawrence Micallef detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 44873M bhala sid il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni IAR938 u dan bi ksur ta’ Artiklu 251B(1) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli nhar is-06 ta’ Lulju, 2014 ghall-habta ta’ 17:00hrs ta’ filghaxija gewwa dawn il-gzejjer kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D) b’digriet datat 28 ta’ April, 2014 li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest

b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza ruhu kuljum u li ma jaghmilx reat iehor.

5. U aktar talli nhar is-06 ta' Lulju, 2014 ghall-habta ta' 17:00hrs ta' filghaxija gewwa dawn il-gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D) b'digriet datat 05 ta' Lulju, 2014 li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrinkaza ruhu kuljum u li ma jaghmilx reat iehor.

6. U aktar talli f'l-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u cioe kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu u cioe sentenza datata 31 ta' Ottubru 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna illi kwalunkwe garanzija jew depozitu jigu mghoddija favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *'contratio imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Charles Sciberras.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex titratta ma Charles Sciberras bhala recediv ta' sentenza mposta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai terminu ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

1. 261(b), 261(g), 263(a), 264(1), 271(g), 278(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

5. 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw episodju ta’ serq mill-vettura ta’ certu Lawrence Micallef.

Illi mill-atti jirrizulta li l-imsemmi Lawrence Micallef jahedm xoghol bhala xufier tal-karozzi tal-linja u fil-gurnata in ezami[1] mar ghax-xoghol u halla l-karrozza tieghu ipparkjata fi Triq l-Iljun Qormi. Waqt li kien qed isuq xarabank (fil-kors tax-xoghol tieghu) hiereg mill-Marsa Park and Ride ra l-karrozza tieghu qisha miftuha ghalehkk waqqaf ix-xarabank, niezel u mar hdejn il-karozza tieghu u ra lill-imputat hiereg mill-karozza bir-radio u CD’s f’idejh. Micallef affrontah lill-imputat u qallu biex jitlaqhom fil-karrozza l-oggetti li kellu f’idejh u l-imputat hekk ghamel; baqghu jistennew lill-pulizija li mbaghad arrestaw lill-imputat. Micallef dak il-hin irrealizza li kien hemm hsarat liema hsarat ma kienux hemm qabel; eventwalment gab stima taghhom u fil-fatt jammontaw ghal-disgha u erbghin Euro u hamsin centezmu (€49.50) li minnhom l-imputat lahaq hallsu ghoxrin Euro (€20.00).

Ikkunsidrat

[1] Nhar is-6 ta’ Lulju 2014.

Illi jigi rilevat li hemm diskrepanzi bejn l-imputazzjonijiet dedotti fic-citazzjoni u dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali.

Illi skond c-citazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bis-segwenti reati:

- serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga a dannu ta' Lawrence Micallef bhala si tal-vettura IAR 938;
- attentat ta' serq aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga;
- hsara volontarja a dannu ta' Lawrence Micallef bhala sid tal-vettura IAR 938;
- ksur ta'kundizzjonijiet imposti mal-helsien mill-arrest (ir-raba u l-hames imputazzjonijet):
- kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospieza; u
- recidiva.

Illi mill-artikoli kwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju jidher li l-imputat qed jigi akkuzat b' serq, hsara volontarja, ksur ta' kundizzjonijiet imposti mal-helsien mill-arrest, u recidiva.

Illi ghalhekk, u konformament ma' principji ben assodati fil-gurisprudenza taghna, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawk l-imputazzjonijiet elenakti fic-citazzjoni li pero m'hemmx referenza ghalihom fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali (cioe t-tieni u s-sitt imputazzonijiet).

Illi mill-provi prodotti quddiema l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat sgassa l-vettura ta' Lawrence Micallef u qabad xi oggetti (r-radio u CD's) biex johodhom u kien biss minhabba l-intervent ta' Micallef li huwa ma lahaqx hadhom mill-karozza ta' l-istess Micallef.

Illi ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati ta’ l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet b’dan li fir-rigward ta’l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati ta’ tentattiv ta’ serq.

Illi permezz tar-raba u l-hames imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat li kiser kundizzjonijiet imposti fuqu ma’l-ghoti ta’ helsien mill-arrest, darba mill-Magistrat Dr Carol Peralta permezz ta’ degriet datat 28 ta’ April 2014 u darba ohra mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona permezz ta’ degriet datat 5 ta’ Lulju 2014.

Illi l-unika prova li tressqet quddiem din il-Qorti in sostenn ta’ dawn l-imputazzjonijiet kienet kopja mhux awtentikata tad-degriet datat 28 ta’ April 2014; dan id-dokument pero ma jistax jigi accettat bhala prova sufficjenti ghaliex la darba mhux awtentikat mhuwiex l-ahjar prova. Id-degriet datat 5 ta’ Lulju 2014 ma giex esebiet.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinstab hati ta’dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Illi permezz ta’l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra tiegu l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva.

Illi skond dak verbalizzat waqt l-udjenza mizmuma f’l-1 ta’ Dicembru 2014 l-imputat accetta l-fedina penali bhala prova tas-sentenzi mghotija fil-konfront tieghu. Minn din il-fedina penali jirrizultaw diversi kundanni ghal serq kommess mill-imputat; in oltre jirrizulta li permezz ta’ sentenza datata 4 ta’ Gunju 2010 mghotija mil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali giet konfermata sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati permezz ta’ liema l-imputat kien gie ikkundannat sentejn prigunerija.

Illi ghalhekk din l-ahhar imputazzjoni tirrizulta kif dedotta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Minn din jirrizulta li l-imputat instab hati ta’ diversi reati tul is-snin (ghandu xejn anqas minn hamsa u tletin sentenza) u l-Qorti tat diversi provedimenti fil-konfront ta’ l-imputat inkluz perjodi ta’ detenzjoni pero jidher li l-imputat ghadu qed jippersisiti fit-triq tal-kriminalita u ma jidhirx li qed jaghmel xi sforz, minimu kemm hu minimu, biex jipprova jirriabilita lilu nnifsu. F’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u s-sitt imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tillliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(g), 263(a), 264(1), 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issibu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b’dan li fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati ta’ tentattiv u mhux tar-reat ikkunsmat, u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------